# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA STUDJI SOĊJALI (*ĠENERALI*) ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A: Agħti d-differenza bejn:**

1. Soċjetà u komunità
2. Normi u liġijiet
3. Settur primarju u settur terzjarju
4. Pajjiż Demokratiku u Pajjiż Totalitarju
5. Refuġjat u Klandestin

**(5 x 4 marki) Total 20 marka**

**Taqsima B: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha. Ikteb madwar 30 kelma għal kull risposta.**

"Ħafna ħassieba politiċi beżgħu li d-demokrazija setgħet twassal għal tirannija ġdida. Minflok il-madmad ta' re jew imperatur, id-demokrazija setgħet twassal għal tirannija tal-maġġoranza."

Silta meħuda minn *Ibda għix fid-dinja*

1. Xi drittijiet igawdi ċittadin ta' pajjiż demokratiku? Agħti eżempji.
   5 marki
2. Kif tiddeskrivi 'partit politiku' u x'differenza tgħaddi bejn 'partit politiku' u 'l-gvern'?
   5 marki
3. F'ħafna pajjiżi demokratiċi l-ħidma ta' l-Istat titqassam fi tliet oqsma. Ikteb fil-qosor dwarhom.
   5 marki
4. Il-kunsilli lokali għenu fid-deċentralizzazzjoni tal-poter. Spjega x'tifhem b'deċentralizzazzjoni fil-kuntest tal-kunsilli lokali.
   5 marki
5. Il-kostituzzjoni ta' Malta hija l-ogħla liġi ta' pajjiżna. F'hiex tikkonsisti din il-kostituzzjoni?
   5 marki
6. Semmi ftit mis-setgħat li għandhom il-kunsilli lokali.
   5 marki
7. X'nifhmu bi dritt ta' l-assoċjazzjoni? Spjega billi tagħti eżempji.
   5 marki

**(7 x 5 marki) Total 35 marka**

**Taqsima Ċ: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispazju pprovdut.**

1. X'nifhmu bi stratifikazzjoni soċjali?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

2. Għid x'tifhem b'mobbiltà soċjali? Permezz ta' **żewġ** eżempji, spjega kif din tista' sseħħ.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4 marki

3. X'nifhmu bil-kelma 'soċjalizzazzjoni'? Semmi **żewġ** aġenti tas-soċjalizzazzjoni primarja u **tnejn** tas-soċjalizzazzjoni sekondarja?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5 marki

4. Kull soċjetà tuża mezzi differenti ta' kontroll soċjali. Uħud ikassbru l-libertà tal-bniedem, oħrajn le. Agħti **tliet** eżempji ta' mezzi ta' kontroll li jintużaw f'pajjiżi demokratiċi.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3 marki

5. Spjega x'tifhem b'soċjetà demokratika u semmi mill-anqas **tliet** drittijiet rispettati f'dawn is-soċjetajiet.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5 marki

**Total 20 marka**

**<u>Taqsima D:  Agħżel wieħed minn dawn u ikteb fit-tul.</u>**

1. Il-familja tal-lum hi waħda simmetrika. Kif inbidlet il-familja Maltija biex saret waħda simmetrika?

2. "L-għan ewlieni ta' l-edukazzjoni huwa t-tħejjija għall-ħajja". Iddiskuti b'referenza għat-tipi ta' edukazzjoni f'Malta.

3. Malta għaddiet minn ħafna bidliet biex waslet fejn hi llum. Tkellem dwar bidliet soċjali u ekonomiċi li seħħew f'dan l-aħħar mitt sena.

4. Kull ċittadin għandu kemm drittijiet kif ukoll dmirijiet. Iddiskuti.

5. "L-ebda bniedem m'hu gżira". Għaliex ngħidu li l-bniedem mhux maħluq biex jgħix waħdu?

**25 marka**